MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 306/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**Vs**
**Shaun Theuma**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant **(ID 500279)(M)** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Awissu, 2009 ġewwa l-Mellieħa bejn is-sitta ta' filgħodu u l-għaxra ta' filghodu volontarjament ħaqar annimal domestiku (kelb) billi għadda minn fuqu b'karozza w b'hekk kien kawża ta' uġiegħ u/jew moħqrija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Gunju, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 8(2) u 45 tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu multa ta' elfejn Euro (€2000).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta' Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija w piena, w fin-nuqqas tirriforma l-piena għal waħda anqas oneruża.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda prova ta' l-intenzjoni li l-appellant b'mod volontarju ħaqar xi annimal domestiku, anzi mill-provi jirriżulta li meta l-appellant ġie infurmat biex jieqaf huwa waqaf minnufih biex jara x'ġara;
2. Illi fit-tieni u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-prosekuzzjoni naqset milli ġġib il-prova tal-persuna li suppost kienet l-uniku xhud okulari li hija l-persuna ta' David Pace li kellha kull informazzjoni fuqu kif jindika l-istess rapport tal-Pulizija w li dan il-prosekuzzjoni naqset milli tipproduċieh;
3. Illi in mankanza ta' dawn il-provi l-Ewwel Qorti li kellha biss il-verżjoni ta' l-appellant b'mod konsistenti kemm waqt l-investigazzjonijiet immedjati, fit-tehid ta' l-istqarrija w kif ukoll fix-xhieda tieghu waqt dawn il-proceduri, u li ma kien kontradett mill-ebda xhud tal-prosekuzzjoni, l-Qorti rinfaccata b'dawn il-provi ghamlet apprezzament hazin tal-fatti, w kellha tapplika l-principju li japplikaw dawn il-Qrati ta' *in dubio pro reo;*
4. Illi anke jekk b'mod remot l-Ewwel Qorti aċċettat kull ma qalet l-Ispettur b'dak li rrapporta lilha l-persuna inviżibbli ta' David Pace, wkoll il-provi ma wasslux sal-grad rikjest mil-Ligi fil-kamp penali li ma jħallux l-ebda dubju dettat mir-raguni u li anke hawnhekk, il-Qorti kellha tillibera lill-appellant;
5. Illi ma hemmx dubju li l-appellant li ta x-xiehda tiegħu wkoll poġġa l-miżien tal-provi li fuq bazi ta'

probabilita' huwa fl-ebda ħin tal-ġurnata tas-7 ta' Awissu, 2009 filghodu fis-6.10 a.m. waqt li kien sejjer għax-xogħol kellu l-intenzjoni specifika li jaħqar annimal domestiku;
6. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji suespost, is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija wkoll nieqsa minn motivazzjoni u raġunijiet ghad-deċizjoni li hadet l-Ewwel Qorti;
7. Illi minghajr pregudizzju ghal dan li nghad il-qorti wkoll applikat piena harxa hafna meta imponiet multa ta' €2000 meta l-istess kelb kien qed jigri minghajr il-kontroll ta' sidu u meta l-istess kelb kellu diga' l-eta' ta' aktar minn tlettax (13)-il sena w meta fuq kollox l-istess kelb sa meta ġew terminati dawn il-proċeduri mill-allegat inċident kien għadu mimli hajja.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett hija l-prattika tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax dak li tkun stabbiliet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jekk il-konklużjoni kienet raġonevolment u legalment korretta.

Għalhekk il-Qorti ser teżamina l-provi u l-aggravji tal-appellant wieħed, wieħed sabiex tara kienx hemm lok għal xi konklużjoni differenti.

Mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li ċertu David Pace kien mar jirraporta fl-Għassa tal-Mellieħa li kien ra 'l xi ħadd isuq fuq kelb apposta f'side street li tizbokka fil-Main Road fl-aħrax tal-Mellieħa. David Pace kien qed jiġbor xi żibel meta għamel xi sinjali lix-xufier tal-karozza EAF 865 biex dan inaqqas l-ispeed għax kien hemm kelb fin-nofs tat-triq.

Ir-registered owner tal-karozza huwa Alfred Theuma waqt li s-sewwieq kien l-appellant.

**L-Istqarrija tal-appellant (30 ta' Awwissu 2009)**

Fl-istqarrija tiegħu l-appellant qal li fil-jum in kwistjoni kienhemm trakk f'nofs ta' triq bil-bieba miftuħa. L-

appellant qabeż it-truck u ma rax il-kelb. Kien hemm nies oħrajn li qalulu biex jieqaf u l-appellant waqaf (fol 19). Huwa niżel mill-karozza iżda ma rax il-kelb.

Huwa ma kien sema' xejn mill-karozza u aktar tard sar jaf li l-kelb ma jarax. Huwa ċaħad li kien għadda minn fuq il-kelb apposta. Kien jaf li l-kelb kien għadu ħaj u li kieku għadda minn fuqu kien imut. ( fol 20).

Xehed sid il-kelb Francis Micallef li qal :

'aħna ma rajna xejn'. (fol 22).

Hu xehed dak li qalulu n-nies. Min kien qed jiġbor iż-żibel qallu li kien għamel sinjal lill-appellant biex isuq bil-mod minħabba li kien hemm kelb u l-appellant qallu li ma kienx jimpurtah mill-kelb. (fol 23). Dan ix-xhud kien 'il bogħod mill-inċident. Lill-kelb kienu sabuh fil-kamra tagħhom. Il-kelb kellu widnejh misluħin u saqajh maqlugħa. Il-kelb issa kien qed jimxi fuq l-erba' saqajn iżda ma kienx jista' jieħdu dawra għax jgħejja. Lill-appellant ma kienx jafu u missier l-appellant offra li jħallas l-ispejjeż tal-vet iżda dawn kienu telgħu wisq. (fol 29). Il-kelb f'Novembru 2009 kellu erbatax-il sena.

Skond PS 935 Patrick Cassar, u kif qallu David Pace, l-appellant ipprova jgħaddi minn ħdejn it-trakk u tajjar kelb. Dan David Pace ipprova jiġbed l-attenzjoni (fol 35) tal-appellant li kien laħaq qabad sieq il-kelb bir-rota ta' wara. Bdew jgħidulu biex jieqaf iżda l-appellant baqa' għaddej.

Xhud ieħor kienet Doris Micallef (mart sid il-kelb) li qalet li sabu lill-kelb b'widnejh minfuħin bid-demm u saqajh ma jiċċaqlaqx. (fol 39). Wieħed kien qalilhom li xi ħadd kien tajrilhom il-kelb. X'ħin ittajjar il-kelb mexa u sabuh fil-parapett tal-kamra li kellhom ħdejn it-Torri l-Abjad. Il-kelb ingħata l-pain killers. (fol 42).

Fil-kontro-eżami din ix-xhud qalet li ma kenitx preżenti meta seħħ l-inċident. (fol 44).

Wara tliet differimenti mitluba mill-Prosekuzzjoni, fis-27 ta' Mejju 2010, il-Qorti qalet hekk:

'Il-Qorti rat li l-aħħar xhieda li ġew prodotti mill-Prosekuzzjoni kienu fid-d19 ta' Novembru 2009 u minn dak in-nhar sa llum ma tressqux provi oħra mill-istess Prosekuzzjoni. Peress li dawn il-proċeduri huma sommarji, il-Qorti tiddikjara l-provi tal-Prosekuzzjoni magħluqa u tiddeferixxi l-kawża għall-provi difiża għall-10 ta' Ġunju 2010.' (fol 50).

**Xhieda Difiża**

Xehed biss l-appellant li qal hekk:

'Jien kont sejjer għax-xogħol u kien hemm truck ta' David u waqaft warajh. Daqqejtlu u ma saqx. Jiena qbiżtu u jien u sejjer għax-xogħol David qabad jghajjat u waqaft. Bdew jgħidu li jien tajjart il-kelb. Jien l-kelb ma rajtux.'

Hawnhekk l-appellant inqratlu l-istqarrija li kien għamel u kkonfermaha.

**Il-Punti Mqajma mill-Prosekuzzjoni**

Il-Prosekuzzjoni qalet li David Pace kien xehed għax id-difiża (fol 53) qalet hekk:

*'Sewwa, sewwa, smajnieh jixhed (lil David Pace) u imbagħad x'għamilt.'*

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet ukoll li David Pace seta' xehed iżda ma kenitx reġistrata x-xhieda tiegħu.

Mill-atti, David Pace, li kellu jkun ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni għax kien hu li għamel ir-rapport u kien fil-post fejn sar l-inċident, ma jirriżultax li xehed. Imkien fil-verbali ma jidher ismu. Jista' jkun, li dan ix-xhud am ttellax peress li l-Prosekuzzjoni talbet tliet differimenti sakemm fl-aħħar l-Ewwel Qorti korrettement iddeċidiet li tqis il-provi tal-Prosekuzzjoni magħluqa.

Ukoll jekk id-difiża qalet li

*'dan smajnieh jixhed'*

mhux bilfors ifisser li xehed għaliex hawn l-aqwa prova huma l-atti. Id-difiża setgħet kienet qed tħallat xi każ ma' ieħor.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li David Pace ma xehedx f'dawn il-proċeduri.

Għalhekk il-Qorti sejset is-sentenza tagħha fuq dak li xehdu l-Ispettur Sciberras, Francis Micallef, PS 65 P.Cassar, Doris Micallef u l-imputat.

**Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati**

Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk:

*'Il-Prosekuzzjoni ressqet xhieda okulari li raw l-inċident u għalhekk il-Qorti m'għandhiex dubju li kein l-istess imputat li bil-vettura tajjar il-kelb in kwistjoni. Kemm fix-xhieda tiegħu kif ukoll fl-istqarrija, l-imputat jgħid li ma rax il-kelb iżda jgħid ukoll li l-kelb bil-fors kien bla ċinga jekk kine f'nofs it-triq. Dan juri li l-imputat qed jipprova jaħrab mill-ħtija billi jkun evażiv fir-risposti teigħu.' (fol 56 u 57).*

**X'tgħid il-Liġi fil-Kap 439**

***'8.*** *(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ,*
*tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jiġi*
*abbandunat.*

*U*

***45.*** *(1) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu teħel, meta tinsab ħatja,*

*multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u*
*disgħin ċentemu (232.94) iżda mhux aktar minn sitta u erbgħin elf*
*u ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu*
*(46,587.47), jew priġunerija għal perijodu ta' mhux iżjed minn*
*sena, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.'*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Jirriżulta b'mod ċar

(a) li l-aktar xhud importanti – jiġifieri David Pace- ma ttelalx mill-Prosekuzzjoni biex jixhed;

(b) li x-xhieda li semgħet il-Qorti, għajr għall-appellant innifsu, ma kinux okulari iżda kienu qed jgħidu dak li qalilhom ħadd ieħor.

Waqt li l-ispettur huwa u jixhed bilfors irid jinforma lill-Qorti b'kollox, inkluż dak li qallu ħadd ieħor, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li ttella' x-xhieda li jkunu raw u semgħu kollox. Dan hu dak li jipprovdi l-artikolu 598 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

***'598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar*
*fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li*
*qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq*
*dawk il-fatti.*

*(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma*
*tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda*
*bħal dawk.*

*(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li*

*mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.'*

Issa mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ħadd ma kien preżenti fuq il-post u qal x'ra u x'sema' iżda biss irraporta dak li qaltlu persuna oħra li ma kenitx l-imputat. Isegwi li l-Ispettur Therese Sciberras, PS 65 P.Cassar, Francis Micallef u Doris Micallef huwa hearsay evidence u li l-Qorti ma tistax toqgħod fuqu. L-importanza ta' dan il-punt joħroġ ukoll minn sentenza tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [1]fl-ismijiet Al-Kharwaya and Tahery vs the United Kingdom fejn il-Qorti qalet:

**'The Court accepts that the applicant gave evidence himself denying the charge …………………………… The right of an accused to give evidence in his defence cannot be said to counterbalance the loss of opportunity to see and have examined and cross-examined the only prosecution eye-witness against him.'**

Għalhekk l-uniku xhud okulari kien l-imputat innifsu li prattikament ikkonferma l-istqarrija li kien għamel.

Il-Qorti qrat l-istqarrija tal-imputat diversi drabi. Minnha jirriżulta li kien hu li tajjar il-kelb iżda nnega enfatikament li kien għadda minn fuq apposta. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' PS Cassar li, skond ma qal l-istess David Pace, l-appellant kien diġa' qabad sieq il-kelb **bir-roti ta' wara tal-karozza** meta nġibdet l-attenzjoni tal-appellant.

Fil-fehma tal-Qorti, minn din l-istqarrija kif kkonfermata mill-ġurament, u, għall-grazzja tal-argument biss, minn dak li ntqal lill-PS 65, ma ġiex ppruvat li l-appellant **volontarjament (kif hemm fl-imputazzjoni) ħaqar annimal domestiku u għaldaqstant qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant.**

[1] 26766/05; 22228/06 tal-20 ta' Jannar 2009 Bħal issa tinsab għad-deċiżjoni finali quddiem il-Grand Chamber

**L-aggravji l-oħra.**

It-tieni aggravju – li ma ttellax David Pace – qed jintlaqa' wkoll għaliex minn imkien mill-proċess ma jirriżulta li dan ittella' jixhed. Biss il-Prosekuzzjoni mhix marbuta li ttella' x-xhieda li tkun trid id-difiża ħlief jekk dawn qed titlobhom biex jixhdu d-difiża nnifisha, huma xhieda li jistgħu jinstabu u huma relevanti. Xejn ma jżomm il-Prosekuzzjoni li tipprova l-imputazzjoni bix-xhieda okulari jew ta' dokumenti li tagħżel hi. Sta għall-Qorti li tara jekk il-każ ikunx ippruvat jew le b'dak li tkun ġabet il-Prosekuzzjoni.

It-tielet aggravju – dwar l-apprazzament tal-provi u li 'in dubio pro reo – qed jintlaqa' wkoll.

Ir-raba' aggravju – li l-provi ma wasslux sal-grad li jinħtieġ fi proċeduri kriminali – qed jintlaqa' wkoll għar-raġunijiet esposti aktar 'il fuq.

Il-ħames aggravju – qed jintlaqa' wkoll stante dak li ntqal dwar l-ewwel aggravju.

Is-sitt u s-seba' aggravju qed jintlaqgħu ukoll għar-raġunijiet diġa' miġjuba fil-paragrafi ta' qabel. Biex tkun evitata repitizzjoni għal xejn, il-Qorti qed tirreferi għal dak li ntqal qabel.

Il-Qorti pero' trid tibgħat messaġġ ċar li s-sewwieqa jridu jieħdu prekawzjonijiet serji biex jaraw li l-ebda animal ma jsofri bla bżonn. Għalhekk m'għandhomx isuqu bl-addoċċ jew bi traskuraġni tkun xi tkun ir-raġuni. L-annimali huma r-rejiet u l-irġejjen fl-ambjent tagħna. Poeta kbir bħal Pablo Neruda li rebaħ in-Nobel Prize for Literature iddedika waħda mill-isbaħ poeżiji tiegħu lill-kelb kif jidher mis-silta li hawn fil-footnote. [2]L-annimali llum qed

[2] My dog has died.
I buried him in the garden
next to a rusted old machine.

Some day I'll join him right there,

jingħataw rispett liema bħalu tant li l-Leġislatur Ġermaniż ħass li kellu jemenda saħansitra l-Kostituzzjoni u jsemmi l-annimali speċifkatament fl-ogħla Liġi tal-Ġermanja kif jidher minn dan l-artikolu:

**Article 20a**

**'[Protection of the natural foundations of life and animals]**
Mindful also of its responsibility toward future generations, the state shall protect the natural foundations of life and animals by legislation and, in accordance with law and justice, by executive and judicial action, all within the framework of the constitutional order.'[3]

---

but now he's gone with his shaggy coat,
his bad manners and his cold nose,
and I, the materialist, who never believed
in any promised heaven in the sky
for any human being,
I believe in a heaven I'll never enter.
Yes, I believe in a heaven for all dogdom
where my dog waits for my arrival
waving his fan-like tail in friendship.

**Un perro ha muerto**

Mi perro ha muerto.
Lo enterré en el jardín
junto a una vieja máquina oxidada.

Allí, no más abajo,
ni más arriba,
se juntará conmigo alguna vez.

Ahora él ya se fue con su pelaje,
su mala educación, su nariz fría.

Y yo, materialista que no cree
en el celeste cielo prometido
para ningún humano,
para este perro o para todo perro
creo en el cielo, sí, creo en un cielo
donde yo no entraré, pero él me espera
ondulando su cola de abanico
para que yo al llegar tenga amistades.

[3] Dan huwa mill-kummenti fuq dan l-artikolu: 'Seismic shifts in constitutional adjudication are not likely to be expected. The provision does not give rights to animals. However, at a minimum, it prohibits circumventing the Animal Protection Act by construing that statute in light of the Constitution. The animal protection

Forsi dan l-artikolu fil-Kostituzzjoni Ġermaniża jista’ jispirana biex intejbu ntejbu l-artikolu 9 tal-Kap 2 tal-Kostituzzjoni tagħna.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-proċess u l-artikoli 8(2) u 45 tal-Kap 439, u semgħet it-trattazzjonijiet tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur qed tilqa’ l-appell u qed tirrevoka u tħassar għal kollox is-sentenza mogħtija fl-24 ta’ Ġunju 2010 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Shaun Theuma’ u konsegwentement qed tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta kontrih u minn kull kundanna..

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

clause removed the disproportionality between certain fundamental rights and the interest in animal protection. It mandates a balancing of constitutional interests and eliminates doubts regarding the constitutionality of the Animal Protection Act, especially with respect to the fundamental rights discussed.’